MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 932/2011

**Pius sive Piju Sant (K.I. 798959M)**
**Vs**
**Gefa Limited (C-31696)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta li s-somma mitluba tirraprezenta in kwantu ghal elf, disa' mija u tnejn u sittin ewro (€1962.00) li huma dovuti lill-attur ghal '*Handyman services'* rezi lis-socjeta' konvenuta f'*Hotel Alfonso* li tinsab f'San Giljan u tliet mija u disa' ewro u hamsa u erbghin centezmu (€309.45) ghall-bilanc ta' spejjez li ntefqu ghand '*Deguara Ironmongery'* ta' Wied Hal Balzan, Hal Balzan, ghal materjali sabiex jintuzaw fix-xoghol ta' *handyman* li sar mill-attur hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment, flimkien ma' l-imghax minn Awwissu tas-sena 2011, meta sar ix-xoghol

ta’ *handyman* hawn fuq imsemmi, kontra s-socjeta’ konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis- 7 ta’ Dicembru, 2011 mill-Avukat Robert Buttigieg u l-fatt li rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal- attur bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment, flimkien mal-imghax minn Awwissu tas-sena 2011 sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------